KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
MEDINA
ippreżentati fid-29 ta' Ġunju 2023[1]

Kawżi magħquda C-207/22, C-267/22 u C-290/22

Lineas – Concessões de Transportes SGPS, S.A. (C-207/22)
Global Roads Investimentos SGPS, Lda (C-267/22)
vs
Autoridade Tributária e Aduaneira
(Talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa) (it-Tribunal tal-Arbitraġġ Fiskali (Ċentru għal Arbitraġġ Amministrattiv), il-Portugall))
u
NOS-SGPS, S.A. (C-290/22)
vs
Autoridade Tributária e Aduaneira

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Suprema Amministrattiva, il-Portugall))

(Talba għal deċiżjoni preliminari – Politika ekonomika u monetarja – Superviżjoni tas-settur finanzjarju tal-Unjoni Ewropea – Direttiva 2013/36/UE – Artikolu 3(1)(22) – Regolament (UE) Nru 575/2013 – Artikolu 4(1)(26) – Istituzzjoni finanzjarja – Kunċett – Kumpannija holding – Ġestjoni ta' azzjonijiet ta' impriżi li ma humiex suġġetti għas-superviżjoni u għar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli għal attivitajiet bankarji jew finanzjarji)

I. Introduzzjoni

1. Dawn it-talbiet għal deċiżjoni preliminari jikkonċernaw l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2013/36/UE[2] u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013[3], jiġifieri l-kliem "istituzzjoni finanzjarja" li jinstab fiż-żewġ atti leġiżlattivi fil-verżjoni applikabbli għall-fatti fil-kawżi prinċipali.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li thassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU 2013, L 176, p. 338, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 73, ĠU 2020, L 203, p. 95) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2013/36"), kif emendata bid-Direttiva 2014/17/UE tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi marbutin ma' proprjetà immobbli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 60, p. 34).

[3] Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2013, L 176, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, ĠU 2013, L 321, p. 6, ĠU 2023, L 92, p. 29), kif emendat bir-Regolament (UE) 2016/1014 tat-8 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward ta' eżenzjonijiet għan-negozjanti tal-komoditajiet (ĠU 2016, L 171, p. 153).

2. It-talbiet saru fil-kuntest tat-tilwimiet bejn, minn naħa, Lineas – Concessões de Transportes SGPS (Kawża C-207/22), Global Roads Investimentos SGPS (Kawża C-267/22) u NOS SGPS (Kawża C-290/22) u, min-naħa l-oħra, l-Autoridade Tributária e Aduaneira (l-Awtorità doganali u fiskali, il-Portugall), li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' taxxa fuq tranżazzjonijiet legali ddokumentati preskritti mid-dritt nazzjonali Portugiż.

3. It-tliet kawżi jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkjarifika jekk kumpannija holding li għandha bħala l-għan esklużiv tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji li ma jwettqux attivitajiet bankarji jew finanzjarji u li ma humiex għalhekk suġġetti għas-superviżjoni u għar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli għal dawn l-attivitajiet tistax titqies bħala "istituzzjoni finanzjarja" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36 u tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni Ewropea

1. Id-Direttiva 2013/36

4. Il-premessi 2, 20 u 54 tad-Direttiva 2013/36 jiddikjaraw:

"(2) Din id-Direttiva għandha tinkludi, fost l-oħrajn, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-awtorizzazzjoni għan-negozju, l-akkwist tal-parteċipazzjonijiet azzjonarji kwalifikanti, l-eżerċizzju tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri domiċiljari u ospitanti f'dan ir-rigward u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-kapital inizzjali u r-reviżjoni superviżorja tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment. L-għan prinċipali u s-suġġett ta' din id-Direttiva huwa li jiġu kkoordinati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirrigwardaw l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, il-modalitajiet għall-governanza tagħhom, u l-qafas superviżorju tagħhom. Id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE fihom ukoll rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment […] Din id-Direttiva għandha għalhekk tinqara flimkien mar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u għandhom flimkien ma' dak ir-Regolament jiffurmaw il-qafas ġuridiku li jirregola l-attivitajiet bankarji, il-qafas superviżorju u r-regoli prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment.

[…]

(20) Huwa xieraq li r-rikonoxximent reċiproku jiġi estiż għal dawk l-attivitajiet elenkati fl- meta jitwettqu minn istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu sussidjarji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, sakemm dawn is-sussidjarji jkunu koperti mis-superviżjoni konsolidata tal-impriżi prinċipali (parent) tagħhom u jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet rigorużi.

[…]

(54) Sabiex jindirizzaw l-effett potenzjalment detrimentali ta' miżuri ta' governanza korporattiva mfassla ħażin fuq il-ġestjoni valida tar-riskji, l-Istati Membri għandhom jintroduċu prinċipji u standards sabiex jiżguraw is-sorveljanza effikaċi mill-korp ta' ġestjoni, jippromwovu kultura tar-riskju valida fil-livelli kollha tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jimmonitorjaw l-adegwatezza tal-arranġamenti interni ta' governanza. Dawk il-prinċipji u standards għandhom japplikaw b'kunsiderazzjoni għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu prinċipji u standards ta' governanza korporattiva li huma addizzjonali għal dawk meħtieġa minn din id-Direttiva."

5. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2013/36, taħt it-titolu "Suġġett", jipprevedi:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli dwar:

(a) l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment (kollettivament imsejħa 'istituzzjonijiet');

(b) is-setgħat superviżorji u l-għodod għas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti;

(c) is-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti b'mod li jkun konsistenti mar-regoli stabbiliti fir-[Regolament Nru 575/2013];.

(d) ir-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tar-regolamentazzjoni prudenzjali u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet."

6. L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2013/36, bit-titolu "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"1. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(22) 'istituzzjoni finanzjarja' tfisser istituzzjoni finanzjarja kif definita fil-punt (26) tal-Artikolu 4(1) tar-[Regolament Nru 575/2013];

[…]"

7. L-Artikolu 34 tad-Direttiva 2013/36 jipprevedi:

"1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li l-attivitajiet elenkati fl-Anness I jkunu jistgħu jitwettqu fit-territorji tagħhom […], jew bl-istabbiliment ta' fergħa jew bil-forniment ta' servizzi, minn xi istituzzjoni finanzjarja minn Stat Membru ieħor, sew jekk sussidjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew sussidjarja taħt sjieda konġunta ta' żewġ istituzzjonijiet ta' kreditu jew aktar, li l-Memorandum u l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tagħhom jippermettu t-twettiq ta' dawk l-attivitajiet u li jissodisfaw kull waħda minn dawn il-kondizzjonijiet:

(a) l-impriża jew impriżi prinċipali huma awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' kreditu fl-Istat Membru li bid-dritt tiegħu tkun irregolata l-istituzzjoni finanzjarja;

(b) l-attivitajiet inkwistjoni fil-fatt jitwettqu fit-territorju tal-istess Stat Membru;

(c) l-impriża jew impriżi prinċipali għandhom 90 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma fil-kapital tal-istituzzjoni finanzjarja;

(d) l-impriża jew impriżi prinċipali jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti rigward il-ġestjoni prudenti tal-istituzzjoni finanzjarja u ikunu ddikjaraw, bil-kunsens tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari rilevanti, li huma *in solidum* u individwalment jiggarantixxu l-impenji li tkun ħadet l-istituzzjoni finanzjarja;

(e) l-istituzzjoni finanzjarja hija effettivament inkluża, b'mod partikolari għall-attivitajiet inkwistjoni, fis-superviżjoni kkonsolidata tal-impriża prinċipali, jew ta' kull waħda mill-impriżi prinċipali

[…]"

8. L-Anness I tad-Direttiva 2013/36 jipprovdi lista ta' attivitajiet li huma suġġetti għar-rikonoxximent reċiproku.

2. Ir-Regolament Nru 575/2013

9. L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 575/2013, bit-titolu "Kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi:

"Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi li jikkonċernaw rekwiżiti prudenzjali ġenerali li l-istituzzjonijiet sorveljati skont id-[Direttiva 2013/36] għandhom jikkonformaw magħhom fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

(a) rekwiżiti ta' fondi proprji li jirrelataw ma' elementi intierament kwantifikabbli, uniformi u standardizzati ta' riskju tal-kreditu, riskju tas-suq, riskju operattiv u riskju tas-saldu;

(b) rekwiżiti li jillimitaw skoperturi kbar;

(c) wara li l-att iddelegat imsemmi fl-Artikolu 460 ikun daħal fis-seħħ, rekwiżiti tal-likwidità li jirrelataw ma' elementi intierament kkwantifikabbli, uniformi u standardizzati ta' riskju tal-likwidità;

(d) rekwiżiti ta' rapportar li jirrelataw mal-punti (a), (b) u (c) u mal-lieva finanzjarja;

(e) rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika.

Dan ir-Regolament ma jirregolax ir-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni għal awtoritajiet kompetenti fil-qasam tar-regolazzjoni prudenzjali u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet kif stipulat fid-[Direttiva 2013/36]."

10. L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 575/2013, bit-titolu "Definizzjonijiet", jipprevedi:

"1. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(3) 'istituzzjoni' tfisser istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment;

[…]

(26) ‘istituzzjoni finanzjarja’ tfisser impriża għajr istituzzjoni u għajr kumpannija holding industrijali pura, li l-attività prinċipali tagħha tkun l-akkwiżizzjoni ta’ parteċipazzjonijiet jew li ssegwi attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fil-punti 2 sa 12 u l-punt 15, tal-Anness I għad-[Direttiva 2013/36], inkluża ditta tal-investiment, kumpannija holding finanzjarja, kumpannija holding finanzjarja mħallta, istituzzjoni ta’ pagament […], u kumpannija tal-ġestjoni tal-assi, iżda eskludi kumpanniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpaniji azzjonarji tal-assigurazzjoni b’attività mħallta kif definit fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 212(1) tad-[Direttiva 2009/138/KE]; [4]

[…]”

3. Ir-Regolament (UE) 2019/876

11. Ir-Regolament (UE) 2019/876 [5] emenda r-Regolament Nru 575/2013.

12. B’mod partikolari, il-punt 2 tal-Artikolu 1 tar-Regolament 2019/876 jipprevedi:

“L-Artikolu 4 [tar-Regolament Nru 575/2013] jiġi emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jiġi emendat kif ġej:

[…]

(iii) il-punt (26) jiġi sostitwit b’dan li ġej:

(26) ‘istituzzjoni finanzjarja’ tfisser impriża għajr istituzzjoni u għajr kumpannija holding industrijali pura, li l-attività prinċipali tagħha tkun l-akkwiżizzjoni ta’ holdings jew li ssegwi attività waħda jew iktar minn dawk elenkati fil-punti 2 sa 12 u l-punt 15 tal-Anness I għad-[Direttiva 2013/36], inkluż kumpannija holding finanzjarja, kumpannija holding finanzjarja mħallta, istituzzjoni ta’ pagament […] u kumpannija ta’ ġestjoni tal-assi, iżda eskludi kumpanniji holding tal-assigurazzjoni u kumpanniji holding tal-assigurazzjoni b’attività mħallta kif definiti, rispettivament, fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 212(1) tad-[Direttiva 2009/138];

[…]”

4 Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (ĠU 2009, L 335, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2016, L 262, p. 34, ĠU 2019, L 316, p. 107, ĠU 2022, L 108, p. 69).

5 Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta’ lieva finanzjarja, il-proporzjon ta’ finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta’ kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta’ investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta’ rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU 2019, L 150, p. 1).

B. Id-dritt Portugiż

1. Decreto-Lei n. 495/88

13. Id-Decreto-Lei n. 495/88 (Digriet Leġiżlattiv Nru 495/88, tat-30 ta' Diċembru)[6] jistabbilixxi r-regoli leġiżlattivi applikabbli għal kumpanniji holding Portugiżi.

14. L-Artikolu 1 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 495/88, bit-titolu "Sociedades gestoras de participações sociais" (iktar 'il quddiem "kumpanniji holding; 'SGPS'"), jipprevedi:

"1. L-għan esklużiv tan-negozju ta' kumpanniji holding [SGPS] huwa l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra, bħala forma indiretta ta' eżerċizzju ta' attivitajiet ekonomiċi.

2. Għall-finijiet ta' dan id-Digriet Leġiżlattiv, is-sehem f'kumpannija huwa meqjus bħala forma indiretta ta' eżerċizzju ta' attivitajiet ekonomiċi meta ma jkunx sempliċement okkażjonali u ma jkunx inferjuri għal 10 % tal-kapital azzjonarju, bid-drittijiet tal-vot, kemm jekk direttament kif ukoll jekk permezz ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra li fihom il-kumpanniji holding "SGPS" jokkupaw pożizzjoni dominanti.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu preċedenti, is-sehem għandu jitqies li ma huwiex sempliċement okkażjonali jekk il-kumpanniji holding "SGPS" iżommuhom għal perijodu itwal minn sena.

4. Il-kumpanniji holding "SGPS" jistgħu jakkwistaw u jipposjedu azzjonijiet f'ammont inqas minn dak indikat fil-paragrafu 2 skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(3) sa (5)."

2. Código do Imposto do Selo

15. Il-Código do Imposto do Selo (il-Kodiċi dwar it-taxxa fuq tranżazzjonijiet legali ddokumentati (iktar 'il quddiem il-"CIS"))[7] jistabbilixxi r-regoli li jikkonċernaw l-applikazzjoni ta' taxxa fuq atti, kuntratti, dokumenti, titoli, karti u sitwazzjonijiet fattwali jew legali oħrajn.

16. L-Artikolu 7(1)(e) tal-CIS jipprevedi:

"1. Dan li ġej għandu jkun eżentat mit-taxxa:

[…]

(e) interessi u kummissjonijiet imposti, garanziji pprovduti u l-użu ta' kreditu mogħti minn istituzzjonijiet ta' kreditu, korporazzjonijiet finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji lil kumpanniji ta' kapital ta' riskju u lil kumpanniji jew istituzzjonijiet li l-forma u l-għanijiet tagħhom huma tat-tip konsistenti ma' dak ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kumpanniji finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji previsti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja, fejn dawn kollha huma stabbiliti fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea jew fi Stat ieħor, bl-eċċezzjoni ta' dawk stabbiliti f'territorji li għandhom sistema ta' taxxa favorevoli, li ser tkun imfissra permezz ta' digriet mit-Teżor;

[6] "Diário da República" Nru 301/1988, is-sitt supplement, sensiela I tat-30 ta' Diċembru 1988, kif emendata sussegwentement (iktar 'il quddiem id-"Digriet Leġiżlattiv Nru 495/88").

[7] Liġi Nru 150/99 tal-11 ta' Settembru 1999, kif emendata bid-Digriet Leġiżlattiv Nru 287/2003 tat-12 ta' Novembru 2003 (Diário da República Nru 213/1999, Sensiela I-A tal-11 ta' Settembru 1999).

[…]”

III. Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi magħmula

17. Ir-rikorrenti fil-kawżi prinċipali – Lineas – Concessões de Transportes SGPS (Kawża C-207/22), Global Roads Investimentos SGPS (Kawża C-267/22) u NOS SGPS (Kawża C-290/22) – huma kumpanniji holding stabbiliti fil-Portugall, fejn l-għan ta’ kull waħda minn dawn il-kumpanniji huwa l-ġestjoni ta’ azzjonijiet ta’ kumpanniji oħrajn bħala forma indiretta ta’ eżerċizzju ta’ attivitajiet ekonomiċi. L-ebda attività tal-kumpanniji rispettivi li fihom għandhom sehem ma taqa’ fis-settur bankarju jew fis-settur finanzjarju.

18. Kull waħda mir-rikorrenti, matul in-negozju rispettiv tagħhom bejn l-2014 u l-2017, daħlet fi tranżazzjonijiet ta’ intermedjazzjoni finanzjarja u ta’ kreditu ma’ diversi istituzzjonijiet ta’ kreditu – jiġifieri permezz ta’ kuntratti ta’ self jew permezz ta’ kambjali kummerċjali u permezz tal-ħruġ ta’ bonds – li bihom huma talbu u kisbu l-finanzjament. Dawn it-tranżazzjonijiet kienu suġġetti għat-taxxa fuq tranżazzjonijiet legali ddokumentati skont l-Artikolu 1(1) u (2) tal-CIS, li wasslu lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu, bħala persuni taxxabbli, biex iħallsu din it-taxxa lill-Istat u, sussegwentement, biex jgħadduha lir-rikorrenti.

19. Ir-rikorrenti ma qablux mal-evalwazzjoni tal-ħlas tat-taxxa rispettiva tagħhom fuq tranżazzjonijiet legali ddokumentati, u, essenzjalment, kull waħda minnhom ippreżentat, l-ewwel, rikors għar-reviżjoni dwar il-legalità tal-fatt li din it-taxxa kienet għaddiet fuqhom u, it-tieni, appell amministrattiv. F’dawn il-proċeduri amministrattivi, ir-rikorrenti invokaw l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 7(1)(e) tal-CIS fuq il-bażi li huma kienu kumpanniji holding li setgħu jiġu kklassifikati bħala istituzzjonijiet finanzjarji skont id-dritt tal-Unjoni li tirreferi għaliha dik id-dispożizzjoni nazzjonali. Madankollu, l-awtoritajiet fiskali ċaħdu t-talbiet tagħhom.

20. Fir-rigward, l-ewwel, ta’ Lineas – Concessões de Transportes SGPS u ta’ Global Roads Investimentos SGPS, kull waħda minn dawn l-impriżi ppreżentat appell quddiem is-Centro de Arbitragem Administrativa (Ċentru għal Arbitraġġ Amministrattiv) għall-istabbiliment ta’ tribunal tal-arbitraġġ, fejn intalab l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet fiskali u, konsegwentement, il-ħlas lura tal-pagamenti dovuti.

21. It-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa) (it-Tribunal tal-Arbitraġġ Fiskali (Ċentru għal Arbitraġġ Amministrattiv), il-Portugall), li huwa l-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-207/22 u fil-Kawża C-267/22, tikkonstata li mil-leġiżlazzjoni Portugiża jidher li t-taxxa fuq tranżazzjonijiet legali ddokumentati ma hijiex applikabbli fuq istituzzjonijiet finanzjarji fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, hemm inkonsistenzi fil-ġurisprudenza nazzjonali fir-rigward tal-interpretazzjoni tat-terminu “istituzzjoni finanzjarja”. Għalhekk, din il-qorti tqis li huwa neċessarju li tiddetermina jekk dan il-kliem ikoprix biss lil kumpanniji holding li jżommu azzjonijiet ta’ impriżi li huma istituzzjonijiet ta’ kreditu jew ditti ta’ investiment u li għalhekk huma suġġetti għas-superviżjoni u għar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli għal attivitajiet bankarji jew finanzjarji.

22. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li t-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa) (it-Tribunal tal-Arbitraġġ Fiskali (Ċentru għal Arbitraġġ Amministrattiv)) ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

(Kawża C-207/22) "Kumpannija holding (SGPS) li għandha bħala l-għan esklużiv tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra, bħala forma indiretta ta' eżerċizzju ta' attivitajiet ekonomiċi, u li, f'dan il-kuntest, takkwista u tippossjedi dawn l-ishma fit-tul, bħala regola mhux inferjuri għal 10 % tal-kapital azzjonarju tal-kumpanniji li tagħhom iżżomm l-azzjonijiet, fejn l-attività ta' dawn il-kumpanniji tidħol fil-qafas tal-ġestjoni tal-infrastruttura ta' trasport, li jinkludi l-konċepiment, il-kostruzzjoni u l-ġestjoni tat-toroq/awtostradi, tista' titqies li hija "istituzzjoni finanzjarja" skont it-tifsira tad-[Direttiva 2013/36] u tar-[Regolment Nru 575/2013]?"

(Kawża C-267/22) "Kumpannija holding (SGPS) li għandha s-sede tagħha fil-Portugall, irregolata mid- Decreto-Lei (Digriet Liġi) Nru 495/88 tat-30 ta' Diċembru 1988, li għandha bħala l-uniku għan tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra bħala forma indiretta ta' eżerċizzju ta' attivitajiet ekonomiċi, u li, f'dan il-kuntest, takkwista u tippossjedi dawn l-ishma fit-tul, bħala regola mhux inferjuri għal 10 % tal-kapital azzjonarju tal-kumpanniji li tagħhom iżżomm l-azzjonijiet, li la jagħmlu parti mis-settur tal-assigurazzjonijiet u lanqas mis-settur finanzjarju, taqa' taħt il-kunċett ta' "istituzzjoni finanzjarja" msemmi fil-punt 22 tal-Artikolu 3(1) tad-[Direttiva 2013/36] u fil-punt 26 tal-Artikolu 4(1) tar-[Regolament Nru 575/2013]?"

23. It-tieni, fir-rigward ta' NOS SGPS, din l-impriża ppreżentat talba għal arbitraġġ li kienet miċħuda mis-Centro de Arbitragem Administrativa (Ċentru għal Arbitraġġ Amministrattiv). B'mod partikolari, dak iċ-ċentru ddeċieda li kumpannija holding ma hijiex istituzzjoni finanzjarja għall-finijiet tal-eżenzjoni prevista fil-CIS, għall-kuntrarju, skont in-NOS SGPS, għall-konstatazzjonijiet tiegħu fi proċeduri preċedenti li jikkonċernaw l-istess kwistjoni.

24. Minħabba l-fehma tagħha li deċiżjonijiet kuntrastanti ngħataw b'risposta għall-istess punt ta' dritt fundamentali u fi ħdan qafas leġiżlattiv identiku, NOS SGPS ippreżentat appell għall-finijiet tal-unifikazzjoni ta' preċedent quddiem is-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall), li hija l-qorti tar-rinviju fil-Kawża C-290/22. Din il-qorti wkoll tosserva li l-leġiżlatura Portugiża għażlet, meta ddelimitat l-eżenzjoni mit-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirreferi espressament għat-tip u għall-forma ta' istituzzjoni finanzjarja indikata fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Għal din ir-raġuni, din il-qorti tqis neċessarju li tiddetermina jekk dan il-kliem ikoprix biss lil kumpanniji holding li jżommu azzjonijiet ta' kumpanniji li huma suġġetti għas-superviżjoni u għar-rekwiżiti prudenzjali applikabbli għal attivitajiet bankarji jew finanzjarji.

25. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Kumpannija holding (SGPS) li għandha s-sede tagħha fil-Portugall, irregolata mid- Decreto-Lei (Digriet Liġi)Nru 495/88 tat-30 ta' Diċembru 1988, li għandha bħala l-uniku għan tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra li ma jagħmlux parti mis-settur tal-assigurazzjonijiet, taqa' taħt il-kunċett ta' "istituzzjoni finanzjarja" msemmi fil-punt 22 tal-Artikolu 3(1) tad-[Direttiva 2013/36] u fil-punt 26 tal-Artikolu 4(1) tar-[Regolament Nru 575/2013]?"

IV. Evalwazzjoni

26. Permezz tat-tliet domandi preliminari magħmula fil-kawżi C-207/22, C-267/22 u C-290/22, il-qrati tar-rinviju jixtiequ, essenzjalment, jaċċertaw jekk kumpannija holding li għandha bħala l-għan esklużiv tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra li s-sussidjarji jew kumpanniji holding tagħhom ma jwettqux attivitajiet bankarji jew finanzjarji tistax titqies bħala "istituzzjoni finanzjarja" fis-sens tal-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36 u tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 fil-verżjoni applikabbli għall-fatti fil-kawżi prinċipali.

27. Bħala punt preliminari, fir-rigward tal-ammissibbiltà ta' dawn id-domandi preliminari, ninnota fil-qosor li t-taxxa fuq tranżazzjonijiet legali ddokumentati inkwistjoni fit-tliet kawżi hija taxxa indiretta stabbilita mil-leġiżlazzjoni Portugiża. Minn din il-leġiżlazzjoni jirriżulta li, sabiex tibbenefika mill-eżenzjoni mill-ħlas ta' din it-taxxa, impriża għandu jkollha status ta' istituzzjoni finanzjarja. It-taxxa fuq tranżazzjonijiet legali ddokumentati ma hijiex suġġetta għal armonizzazzjoni tal-liġi tal-Unjoni. Madankollu, il-leġiżlazzjoni Portugiża tagħmel riferiment dirett u mingħajr kundizzjoni għad-dritt tal-Unjoni sabiex tfisser il-kliem "istituzzjoni finanzjarja", speċifikament għad-Direttiva 2013/36 u għar-Regolament Nru 575/2013, li hija r-raġuni għalfejn il-qrati tar-rinviju jistiednu lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tipprovdi kjarifika ulterjuri dwar l-interpretazzjoni ta' dan il-kliem.

28. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod konsistenti li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjonijiet preliminari dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni anki f'sitwazzjonijiet fejn il-fatti fil-kawża prinċipali jkunu jinsabu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jekk dawn id-dispożizzjonijiet kienu saru applikabbli mil-leġiżlazzjoni nazzjonali[8]. Għalhekk ma għandu għalfejn ikun hemm ebda dubju rimanenti dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar dawn it-talbiet u sabiex tikkunsidra dawn it-talbiet bħala ammissibbli.

29. Fir-rigward tas-sustanza, id-Direttiva 2013/36 hija intiża biex tikkoordina dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkonċernaw l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti ta' investiment, il-modalitajiet għall-governanza tagħhom u l-qafas superviżorju tagħhom. Din id-direttiva għandha tinqara flimkien mar-Regolament Nru 575/2013[9], li jistabbilixxi rekwiżiti prudenzjali uniformi u direttament applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment. Iż-żewġ atti leġiżlattivi jikkostitwixxu l-qafas legali li jirregola l-attivitajiet bankarji u finanzjarji u jiddefinixxu r-regoli superviżorji u prudenzjali applikabbli għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti ta' investiment.

30. Skont ġurisprudenza stabbilita, mir-rekwiżiti kemm tal-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll mill-prinċipju ta' ugwaljanza jirriżulta li l-kliem ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni li ma jagħmel l-ebda riferiment espliċitu għad-dritt tal-Istati Membri sabiex jiġu ddeterminati t-tifsira u l-portata tiegħu, għandu jingħata interpretazzjoni awtonoma u uniformi mal-Unjoni kollha[10].

31. Sa fejn il-kunċett ta' "istituzzjoni finanzjarja" huwa ddefinit fl-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36 u fl-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 u l-ebda riferiment ma sar fl-ebda waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Istati Membri għad-determinazzjoni tat-tifsira u tal-portata tiegħu, dan il-kunċett għandu jitqies bħala kunċett

8 Sentenza tad-19 ta' Ottubru 2017, Europamur Alimentación (C-295/16, EU:C:2017:782, punt 29)

9 Ara l-premessa 2 tad-Direttiva 2013/36.

10 Sentenza tat-3 ta' Frar 2022, Finanzamt A (C-515/20, EU:C:2022:73, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li għandu għalhekk jiġi interpretat u applikat b'mod identiku fl-Istati Membri kollha. Konsegwentement il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħti interpretazzjoni uniformi lil dan il-kunċett fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni [11].

32. Barra minn hekk, meta tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, huwa neċessarju li jiġi kkunsidrat mhux biss il-kliem tagħha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li tifforma parti minnha [12]. Għalhekk ser nevalwa d-definizzjoni tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja", fis-sens tal-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36 u tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013, wara interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika.

1. Interpretazzjoni letterali

33. Qabel kollox, fir-rigward tal-kliem tal-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36, din id-dispożizzjoni tirreferi direttament, għad-definizzjoni tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja", għall-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013. Sussegwentement, din l-aħħar dispożizzjoni tiddefinixxi t-terminu "istituzzjoni finanzjarja" bħala impriża oħra għajr "istituzzjoni", li l-attività prinċipali tagħha għandha tkun l-akkwiżizzjoni ta' holdings jew li ssegwi attività waħda jew iktar minn dawk elenkati fil-punti 2 sa 12 u fil-punt 15 tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36. Illustrazzjoni ulterjuri hija pprovduta fl-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 li espliċitament jinkludi fil-portata tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja" kumpannija azzjonarja finanzjarja, kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta u istituzzjoni ta' pagament fis-sens tad-Direttiva 2007/64 u kumpannija ta' ġestjoni tal-assi. B'kuntrast, kumpanniji azzjonarji tal-assigurazzjoni u kumpanniji azzjonarji tal-assigurazzjoni b'attività mħallta, kif definit fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 212(1) tad-Direttiva 2009/138, huma esklużi espliċitament milli jkunu istituzzjonijiet finanzjarji.

34. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi nnotat, l-ewwel, li r-referenza għat-terminu "istituzzjoni" fl-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 4(1)(3) tar-Regolament Nru 575/2013, li jiddefinixxi lil dak it-terminu bħala istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment. Isegwi li istituzzjonijiet ta' kreditu, li, skont l-Artikolu 4(1)(1) tar-Regolament Nru 575/2013, huma impriżi li n-negozju tagħhom ikun li jieħdu depożiti jew fondi oħra ripagabbli mingħand il-pubbliku u li jagħtu krediti f'isimhom stess, huma esklużi mill-kunċett ta' istituzzjonijiet finanzjarji. Dan huwa wkoll il-każ ta' ditti ta' investiment, iddefiniti fl-Artikolu 4(1)(2) tar-Regolament Nru 575/2013 permezz ta' riferiment għall-Artikolu 4(1)(1) tad-Direttiva 2014/65/UE [13]. Din id-dispożizzjoni tiddefinixxi dawk il-kumpanniji bħala kwalunkwe persuna ġuridika li x-xogħol jew in-negozju regolari tagħha huwa l-provvista ta' servizz ta' investiment wieħed jew iktar lil partijiet terzi u/jew it-twettiq ta' attività ta' investiment waħda jew iktar fuq bażi professjonali.

35. It-tieni, l-attività prinċipali ta' impriża, sabiex titqies bħala "istituzzjoni finanzjarja" fis-sens tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013, għandha tkun jew l-akkwiżizzjoni ta' holdings jew li ssegwi attività waħda jew iktar minn dawk elenkati fil-punti 2 sa 12 u fil-punt 15

[11] *Ibid.* (punt 27).

[12] Ara s-sentenza tad-9 ta' Marzu 2023, ACER vs Aquind (C-46/21 P, EU:C:2023:182, punt 54).

[13] Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU 2014, L 173, p. 349, rettifika fil-ĠU 2016, L 188, p. 28, ĠU 2021, L 410, p. 201) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2014/65").

tal-Anness I għad-Direttiva 2013/36. Il-kliem jissuġġerixxi li dawn huma kundizzjonijiet alternattivi, li jkun ifisser li huwa suffiċjenti li wieħed jikkorrispondi ma' waħda minnhom biss sabiex jaqa' taħt din id-definizzjoni.

36. It-tielet, eskluži mid-definizzjoni tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja" huma kemm il-kumpanniji azzjonarji tal-assigurazzjoni kif ukoll il-kumpanniji azzjonarji tal-assigurazzjoni b'attività mħallta, kif definit fil-punti (f) u (g) tal-Artikolu 212(1) tad-Direttiva 2009/138. Konsegwentement, impriża li taqa' taħt dawn id-definizzjonijiet ma tissodisfax ir-rekwiżiti sabiex tkun "istituzzjoni finanzjarja".

37. Ir-raba', l-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 jipprovdi lista ta' kumpanniji holding li għandhom jitqiesu bħala istituzzjonijiet finanzjarji. Dawn huma, *inter alia*, "kumpannija finanzjarja azzjonarja" u "kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta"[14].

38. F'dak ir-rigward, "kumpannija azzjonarja finanzjarja" hija ddefinita fl-Artikolu 4(1)(20) tar-Regolament Nru 575/2013 bħala istituzzjoni finanzjarja, li s-sussidjarji tagħha jkunu esklużivament jew prinċipalment istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji, tal-inqas waħda minn tali sussidjarji tkun istituzzjoni, u li ma tkunx kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta.

39. L-Artikolu 4(1)(21) tar-Regolament Nru 575/2013 jipprovdi ulterjorment id-definizzjoni ta' "kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta". Din id-dispożizzjoni tirreferi għad-definizzjoni prevista fl-Artikolu 2(15) tad-Direttiva 2002/87/KE[15], li tiddikjara li kumpannija holding finanzjarja mħallta hija impriża prinċipali, barra minn entità rregolata, li flimkien mas-sussidjarji tagħha, li minn tal-inqas waħda minnhom tkun entità rregolata li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha fil-Komunità, u entitajiet oħra, tikkostitwixxi konglomerat finanzjarju. It-terminu "entità regolata" hija ddefinita, fid-Direttiva 2002/87, bħala istituzzjoni ta' kreditu, impriża ta' assigurazzjoni jew ditta ta' investiment[16].

40. Filwaqt li ż-żewġ tipi ta' kumpanniji holding inklużi fid-definizzjoni fl-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 huma mfissra li għandhom "istituzzjonijiet" bħala sussidjarji, huwa neċessarju li jiġi aċċertat mill-kliem ta' din id-dispożizzjoni jekk għandhomx jinftiehmu bħala eżempji mhux eżawrjenti jew, b'kuntrast, bħala lista *numerus clausus*, li minnha ma jkunx possibbli li wieħed jidderoga meta jivverifika jekk kumpannija holding għandhiex titqies bħala "istituzzjoni finanzjarja".

41. Fil-fehma tiegħi li l-illustrazzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 għandhom jiġu interpretati b'mod mhux eżawrjenti. Din il-konklużjoni, li tinbet mill-kunsiderazzjoni tal-verżjoni Ingliża tar-Regolament Nru 575/2013 – b'mod partikolari mill-użu tal-kelma "*including*" – tidher ukoll li hija sostnuta mill-kliem fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tal-Artikolu 4(1)(26) ta' dan ir-regolament. Pereżempju, il-verżjoni Franċiża u Ġermaniża tal-Artikolu 4(1)(26) rispettivament jużaw il-kliem "*en ce compris*" u "*schließt*", li jaqblu ma'

[14] Din id-dispożizzjoni tirreferi wkoll għal istituzzjonijiet ta' pagament, fis-sens tad-Direttiva 2007/64/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2002/65/KE, 2005/60/KE u 2006/48/KE u li tħassar id-Direttiva 97/5/KE (ĠU 2007 L 319, p. 1), u kumpanniji tal-ġestjoni tal-assi, kif huma ddefiniti fl-Artikolu 4(1)(19) tar-Regolament Nru 575/2013. Madankollu, peress li ma humiex kumpanniji holding, dawn it-tipi ta' istituzzjonijiet finanzjarji ma humiex rilevanti għall-finijiet ta' din l-analiżi.

[15] Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti ta' l-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kap 6, Vol. 4, p. 340).

[16] Ara l-Artikolu 2(4) tad-Direttiva 2002/87/KE.

interpretazzjoni mhux eżawrjenti. Barra minn hekk, fil-verżjoni Latvjana, il-kelma "*tostarp*" tintuża, li għal darba oħra tindika, li l-lista li fiha kumpanniji azzjonarji finanzjarji u kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta ma għandhiex tinftiehem f'sens ta' *numerus clausus*.

42. Madankollu, lista mhux eżawrjenti ma tfissirx li din il-lista ma għandhiex tkun ristretta permezz tal-eżempji pprovduti fiha. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li dawn l-eżempji jservu bħala linji gwida, li jillimitaw l-interpretazzjoni għal dawk l-elementi biss elenkati espressament fil-lista jew li jistgħu jiġu kklassifikati fl-istess kategorija [17]. F'din il-kawża, it-tipi ta' kumpanniji holding ipprovduti fl-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 huma intiżi biex jiddefinixxu l-portata tad-definizzjoni prevista fihom, b'tali mod li din id-definizzjoni tapplika biss għal kumpanniji holding li huma elenkati espressament fiha jew li jistgħu jiġu kklassifikati fl-istess kategorija (*ejusdem generis*).

43. Fir-rigward tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013, huwa għalhekk neċessarju li jiġi ddikjarat, l-ewwel, li l-lista mhux eżawrjenti tirreferi biss għal kumpanniji holding u, it-tieni, li dawn il-kumpanniji holding għandu jkollhom "istituzzjonijiet" bħala holdings jew sussidjarji. Sussegwentement, "istituzzjonijiet" huma meħtieġa li jżommu rabta mas-settur finanzjarju jew bankarju minħabba l-attivitajiet prinċipali tagħhom. Għalhekk, anki meta jittieħed inkunsiderazzjoni l-argument prinċipali mressqa mir-rikorrenti fis-seduta, fir-rigward tan-neċessità li d-definizzjoni ta' dak it-terminu tiġi interpretata b'mod iżolat, il-kunsiderazzjonijiet indikati iktar 'il fuq jimplikaw li kull kumpannija holding oħra li ma hijiex koperta minn dawn l-eżempji jkollha tkun relatata mas-settur bankarju jew finanzjarju.

44. Ninnota li din l-interpretazzjoni tal-kliem tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 575/2013 hija wkoll sostnuta mit-tweġiba tal-Kummissjoni għal mistoqsija mqajma mill-Awtorità Bankarja Ewropea fl-2014 [18], li fiha hija stqarret li, abbażi tal-istruttura tad-definizzjonijiet fl-Artikolu 4(1)(26) u (27) ta' dan ir-regolament, kif ukoll tal-iskop tat-tnaqqis stabbilit fl-Artikolu 36 tar-regolament, il-parti tad-definizzjoni ta' "istituzzjoni finanzjarja" li tirreferi għall-attività prinċipali ta' akkwiżizzjoni ta' holdings ma tinkludix kumpanniji holding industrijali puri. Skont din l-istess fehma, ir-Regolament 2019/876 immodifika reċentement id-definizzjoni tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 sabiex jeskludi espliċitament lil kumpannija "holding industrijali pura" mill-kunċett tal-kliem "istituzzjoni finanzjarja". Anki jekk mhux applikabbli f'dawn il-kawżi *ratione temporis* [19], ser nispjega iktar tard li din il-modifika hija kapaċi li tillustra l-ispirtu wara d-definizzjoni oriġinali ta' dan it-terminu.

45. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jsegwi li l-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36 u tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 tissuġġerixxi li, sabiex kumpannija holding titqies bħala istituzzjoni finanzjarja fis-sens tal-aħħar dispożizzjoni, din il-kumpannija għandha takkwista holdings ta' kumpanniji li jwettqu attivitajiet bankarji jew finanzjarji. B'kuntrast, kumpanniji holding li għandhom bħala l-għan esklużiv tagħhom il-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra, għajr dawk li jwettqu attivitajiet bankarji jew finanzjarji jidhru li ma jaqgħux taħt il-kunċett ta' "istituzzjoni finanzjarja" fis-sens ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet.

[17] Sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen (C-272/19, EU:C:2020:535, punt 69). Ara wkoll is-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2008, Satakunnan Markkinapörssi u Satamedia (C-73/07, EU:C:2008:727, punt 41), u s-sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Lindqvist (C-101/01, EU:C:2003:596, punti 43 u 44).

[18] It-tweġiba tal-Kummissjoni għall-mistoqsija 2014_857 li tikkonċerna d-definizzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja fir-Regolament Nru 575/2013, 18 ta' Lulju 2014, disponibbli fuq https://www.eba.europa.eu/single-rule-book-qa/-/qna/view/publicId/2014_857.

[19] Ara l-Artikolu 3(3)(b) tar-Regolament 2019/876.

2. Interpretazzjoni kuntestwali

46. Kif indikat iktar ’il fuq, meta tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-kuntest tagħha għandu jittieħed inkunsiderazzjoni. F’dawn il-kawżi, istituzzjonijiet finanzjarji jsibu lilhom innifishom marbuta ma’ regoli, rekwiżiti u benefiċċji speċifiċi li huma utli biex jipprovdu interpretazzjoni kuntestwali tat-terminu “istituzzjoni finanzjarja” skont l-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013.

47. F’dan ir-rigward, diġà semmejt li r-Regolament Nru 575/2013 jipprovdi regoli uniformi li jikkonċernaw rekwiżiti prudenzjali ġenerali li għandhom jikkonformaw magħhom l-istituzzjonijiet finanzjarji taħt superviżjoni skont id-Direttiva 2013/36. Skont l-Artikolu 1 ta’ dan ir-regolament, dawn ir-regoli jikkonċernaw rekwiżiti ta’ fondi proprji, rekwiżiti tal-likwidità u obbligi ta’ rrapportar, kif ukoll rekwiżiti ta’ divulgazzjoni pubblika.

48. L-ewwel, rekwiżiti ta’ fondi proprji, bħal dak stabbilit fl-Artikolu 93 tar-Regolament Nru 575/2013, jeħtieġu lill-impriżi koperti minn dan ir-regolament biex jieħdu riskji biss sa fejn huma sostnuti permezz ta’ livelli adegwati ta’ kapital [20]. Dawn ir-rekwiżiti jiżguraw li l-impriżi jkollhom livell neċessarju ta’ kapital sabiex ikunu jistgħu jġarrbu telf li jista’ jirriżulta minn xi riskju li jkunu ħadu, bħal meta min jissellef jonqos milli jħallas [21].

49. It-tieni, rekwiżiti tal-likwidità, previsti fl-Artikoli 412 sa 414 tar-Regolament Nru 575/2013, jikkumplementaw ir-rekwiżiti ta’ adegwatezza tal-kapital billi jagħmluha obbligatorja fuq istituzzjonijiet li jbigħu assi meta jkollhom bżonn flus kontanti sabiex iħallsu djun jew sabiex jiffaċċjaw xi żbilanċ possibbli bejn influss ta’ likwidità u ħruġ ta’ likwidità taħt kundizzjonijiet estremament stressanti [22].

50. It-tielet, rekwiżiti li jirrigwardaw skoperturi kbar, irregolati permezz tal-Artikolu 111 *et seq*. tar-Regolament Nru 575/2013, jillimitaw l-estensjonijiet sinifikattivi ta’ kreditu għal klijent uniku jew għal grupp ta’ klijenti marbuta. Dawn ir-regoli jikkonċernaw ir-regolament tar-riskju tal-kreditu marbut mas-self lil ċerti klijenti, għaliex il-materjalizzazzjoni ta’ tali riskju tista’ tkun ta’ ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

51. Essenzjalment, regoli superviżorji prudenzjali, kif deskritti iktar ’il fuq, jitolbu rekwiżiti regolatorji addizzjonali u tqal fuq impriżi li jmorru lil hinn minn kwistjonijiet ġenerali bħal tassazzjoni u konsolidazzjoni finanzjarja. Dawn id-dispożizzjonijiet huma marbuta b’mod inerenti mal-attivitajiet bankarji u finanzjarji, u flimkien jifformaw sistema ta’ ġestjoni li tiżgura s-sigurtà tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

52. Barra minn hekk, filwaqt li l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 575/2013 jissuġġetta lill-istituzzjonijiet finanzjarji għar-rekwiżiti ta’ superviżjoni prudenzjali, dawn ir-rekwiżiti essenzjalment jirregolaw lill-istituzzjonijiet finanzjarji fil-kuntest tagħhom bħala sussidjarji ta’ istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom holdings ta’ istituzzjonijiet fis-sens tal-Artikolu 4(1)(3) tar-Regolament Nru 575/2013. Dan ifisser li kumpannija holding li ma għandhiex rabta mas-settur bankarju jew finanzjarju ma hijiex effettivament suġġetta għal xi wieħed mir-rekwiżiti indikati iktar ’il fuq.

[20] Chiu, I.H.-Y., u Wilson, J., *Banking Law and Regulation*, Oxford University Press, 2019, p. 330.

[21] *Ibid*. (p. 330).

[22] *Ibid.*

53. Sitwazzjoni simili tirriżulta fir-rigward tal-benefiċċji li jingħataw lill-istituzzjonijiet finanzjarji mill-istruttura regolatorja inkwistjoni. Wieħed mill-benefiċċji prinċipali huwa l-possibbiltà li jitwettqu l-attivitajiet bankarji jew finanzjarji indikati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36 fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, meta din l-istituzzjoni finanzjarja tkun illiċenzjata fl-Istat Membru ta' oriġini. Fil-fatt, l-Artikolu 34 tad-Direttiva 2013/36 jiddikjara li istituzzjonijiet finanzjarji għandu jkollhom il-benefiċċju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' attivitajiet bankarji jew finanzjarji, fejn huma jkunu sussidjarji ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. Din id-dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tal-premessa 20 ta' din l-istess direttiva, essenzjalment tippermetti lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jiftħu fergħat fi Stati Membri oħra u jidħlu f'attivitajiet transkonfinali indikati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36. Il-benefiċċji li jgawdu minnhom istituzzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' rikonoxximent reċiproku huma marbuta b'mod inerenti mas-settur bankarju jew finanzjarju minħabba r-rabta tagħhom mal-attivitajiet tal-Anness I tad-Direttiva 2013/36.

54. Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet isegwi li kumpannija holding li għandha bħala l-għan esklużiv tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet u s-sussidjarji jew holdings tagħha li ma jwettqux attivitajiet bankarji jew finanzjarji ma humiex koperti minn xi rekwiżit indikat iktar 'il fuq, b'mod partikolari fir-rigward ta' superviżjoni prudenzjali. Barra minn hekk, dawn il-kumpanniji holding jonqsu mill-abbiltà li jagħmlu użu mill-benefiċċju ta' rikonoxximent reċiproku previst fid-Direttiva 2013/36. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet ma humiex relatati mal-kumpanniji holding għaliex dawn ma għandhomx tali holdings, lanqas huma sussidjarji, u lanqas ma jidħlu f'xi attività elenkata fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36.

55. Konsegwentement, l-interpretazzjoni proposta mir-rikorrenti f'dawn it-tliet kawżi tkun tippreġudika l-koerenza fid-Direttiva 2013/36, minħabba li xi istituzzjonijiet finanzjarji jkollhom isegwu regoli superviżorji prudenzjali, filwaqt li oħrajn ma jkollhomx jagħmlu dan. Minn perspettiva kuntestwali, ma jidhirx xieraq li kumpanniji holding jitqiesu bħala istituzzjonijiet finanzjarji fejn huma (i) ma jwettqux ir-responsabbiltajiet ta' istituzzjoni finanzjarja, (ii) ma jistgħux jieħdu vantaġġ mill-benefiċċji li jingħataw lill-istituzzjonijiet finanzjarji, u (iii) ma jwettqux il-funzjonijiet li ġeneralment jappartjenu lil istituzzjonijiet finanzjarji. Li kieku dan kien permess, kien joħloq status legali mingħajr xi għan prattiku.

56. Huwa xieraq li wieħed jenfasizza aspett ieħor diffikultuż fl-interpretazzjoni tar-rikorrenti. Fil-fatt, kieku kumpanniji holding bħal dawk inkwistjoni fil-kawżi prinċipali kellhom jitqiesu li huma istituzzjonijiet finanzjarji, id-definizzjoni ta' dan it-terminu kienet tkun wiesgħa mingħajr bżonn. Ħafna kumpanniji jkunu jistgħu jużaw l-istruttura ta' kumpannija holding sabiex imexxu l-operazzjonijiet u l-investimenti tagħhom, minkejja li ma jkollhomx kwalunkwe istituzzjonijiet bħala sussidjarji jew holdings.

57. Eżempju illustrattiv tal-konsegwenzi ta' tali interpretazzjoni wiesgħa tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja" kien ipprovdut mill-gvern Portugiż waqt is-seduta. Mill-kumpanniji SGPS irreġistrati kollha fil-Portugall, 94 % kienu rreġistrati bħala istituzzjonijiet li ma humiex finanzjarji, li jfisser li 6 % biss mill-kumpanniji SGPS kienu rregolati u skrutinizzati mill-awtoritajiet rilevanti. Wara interpretazzjoni ta' "istituzzjoni finanzjarja" pprovduta mir-rikorrenti, dan il-perċentwali kien jitla' għal 100 %.

58. Li kieku l-kumpanniji holding kollha kellhom jitqiesu bħala istituzzjonijiet finanzjarji skont l-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013, dan kien joħloq sitwazzjoni stramba. Fil-fatt, ir-responsabbiltajiet ta' kumpanniji holding ma kinux jinbidlu materjalment, sakemm ma jagħżlux li jiksbu holdings ta' istituzzjonijiet jew isiru sussidjarji ta' istituzzjonijiet. Essenzjalment,

huma ma jkollhomx piż addizzjonali, iżda jkunu eliġibbli biex jirċievu benefiċċji previsti mid-dritt nazzjonali, bħal, fil-każ tal-Portugall, l-eċċezzjoni fuq it-taxxa fuq tranżazzjonijiet legali ddokumentati. Il-konsegwenza tkun li l-holdings li huma ġestiti mill-kumpanniji holding SGPS jitpoġġew f'vantaġġ kompetittiv meta mqabbla ma' kumpanniji oħrajn f'suq simili li ma humiex ġestiti minn kumpanniji holding SGPS.

59. B'mod addizzjonali, sitwazzjoni simili tirriżulta meta wieħed iħares lejn ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali. Li kieku l-kumpanniji holding kollha kellhom jitqiesu bħala istituzzjonijiet finanzjarji, ikun isegwi li l-awtoritajiet nazzjonali kien ikollhom piż sostanzjali fuqhom fir-rigward tad-dmirijiet li għandhom iwettqu fil-qasam ta' superviżjoni prudenzjali, kif stabbiliti, *inter alia*, fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2013/36.

60. Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti, huwa possibbli li ssir distinzjoni bejn żewġ tipi ta' kumpanniji holding: minn naħa, dawk il-kumpanniji holding li jsegwu funzjonijiet ta' ġestjoni għas-sussidjarji industrijali tagħhom, bħat-tip ta' kumpanniji holding ikkonċernati fil-kawżi prinċipali; u, min-naħa l-oħra, dawk li jakkwistaw holdings li jifformaw parti mis-settur bankarju jew finanzjarju. Huma biss dawn tal-aħħar kategorija li jidhru li huma koperti mir-Regolament Nru 575/2013 u mid-Direttiva 2013/36 bħala riżultat ta' interpretazzjoni kuntestwali.

61. Din l-interpretazzjoni iktar restrittiva ta' "istituzzjoni finanzjarja" tidher ukoll li tikkorrispondi mal-emenda tal-Artikolu 4(1)(26) li kienet introdotta bir-Regolament 2019/876, li, kif indikat fil-punt 44 iktar 'il fuq, teskludi lil "kumpannija holding industrijali pura" minn din id-definizzjoni.

62. Huwa importanti li jiġi nnotat li t-terminu "kumpannija holding industrijali pura" ma ġiex iddefinit u ma hemm l-ebda gwida pprovduta mir-Regolament 2019/876 fir-rigward tad-definizzjoni tiegħu. Barra minn hekk, it-*travaux préparatoire* li jirrigwarda r-Regolament 2019/876 ukoll ma fih l-ebda indikazzjoni rilevanti rigward l-interpretazzjoni tiegħu.

63. Madankollu, iktar reċenti, fi proposta tal-Kummissjoni tal-2021[23], definizzjoni ta' "kumpannija azzjonista purament industrijali" ġiet proposta. L-Artikolu 1(f) ta' din il-proposta, li jinkorpora punt ġdid 26a fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 575/2013, jiddikjara li kumpannija holding industrijali pura hija impriża li tissodisfa tliet kundizzjonijiet: l-ewwel, li l-attività prinċipali tagħha hija li takkwista jew tkun is-sid ta' holdings; it-tieni, la l-impriża u lanqas kwalunkwe waħda mill-impriżi li fihom tkun is-sid tal-parteċipazzjonijiet ma tkun imsemmija fl- 4(1)(27) punti (a), (d), (e), (f), (g), (h), (k) u (l) tar-Regolament Nru 575/2013; it-tielet, la l-impriża u lanqas kwalunkwe waħda mill-impriżi li fihom tkun is-sid ta' parteċipazzjonijiet ma jwettqu bħala attività prinċipali kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2013/36, kwalunkwe waħda mill-attivitajiet elenkati fit-Taqsima A jew B tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65 fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji elenkati fit-Taqsima Ċ ta' dan l-Anness ta' din id-direttiva, jew huma ditti ta' investiment, fornituri ta' servizzi ta' pagament fis-sens tad-Direttiva (UE) 2015/2366[24], kumpanniji maniġerjali tal-assi, jew impriżi ta' servizzi anċillari.

[23] Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 fir-rigward tar-rekwiżiti għar-riskju ta' kreditu, għar-riskju ta' aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu, għar-riskju operattiv, għar-riskju tas-suq u għall-minimu tal-output. 2021/0342(COD).

[24] Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU 2015 L 337, p. 35, rettifika fil-ĠU L 102, 23.4.2018, p. 97)

64. Id-definizzjoni proposta, filwaqt li ma għandha l-ebda effett legali, taqbel mal-analiżi preċedenti tiegħi. Hija tistabbilixxi li kumpanniji holding industrijali puri ma għandhom l-ebda rabta mas-settur finanzjarju jew bankarju minħabba li la huma impriżi li jwettqu bħala attività prinċipali xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 u lanqas ma huma s-sidien ta' parteċipazzjonijiet f'impriżi li jwettqu dawn l-attivitajiet bħala attività prinċipali. Isegwi li għandu jkun hemm rabta mas-settur bankarju jew finanzjarju anki għal kumpanniji, li jakkwistaw holdings.

65. Mill-kunsiderazzjoni imsemmija iktar 'il fuq, nikkonkludi li r-riferiment għal "impriża li għandha bħala attività prinċipali tagħha l-akkwiżizzjoni ta' holdings", meta meqjusa fil-kuntest tar-Regolament Nru 575/2013 u d-Direttiva 2013/36, għandha tinqara b'mod restrittiv. Tali qari tal-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36 u tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 jimplika li kumpannija holding li għandha bħala l-għan esklużiv tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra li ma humiex suġġetti għas-superviżjoni jew rekwiżiti prudenzjali u li għalhekk ma jaqgħux fil-portata ta' dik id-direttiva u ta' dak ir-regolament, ma jitqisux bħala "istituzzjoni finanzjarja".

3. Interpretazzjoni teleoloġika

66. Fir-rigward tal-interpretazzjoni teleoloġika tal-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36 u tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013, huwa maqbul li ż-żewġ atti leġiżlattivi kienu adottati sabiex isaħħu r-rekwiżiti ta' governanza applikabbli għal istituzzjonijiet finanzjarji. Il-kriżi finanzjarja li bdiet fl-2008 wriet in-neċessità għal fiduċja ikbar u affidabbiltà fis-sistema finanzjarja tal-Unjoni. Qabel dik il-kriżi, in-nuqqas ta' testijiet effettivi fi ħdan dawn l-istituzzjonijiet wassal għal żvista difettuża fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni. Dan wassal għal strateġiji dwar il-ġestjoni li huma orjentati fil-qosor u eċċessivament riskjużi [25]. Madankollu, prattiki ta' governanza interna tajba għenu lil xi impriżi sabiex jittolleraw il-kriżi finanzjarja sostanzjalment aħjar minn oħrajn [26].

67. Skont dan l-isfond, huwa ċar li l-assenza ta' sistemi ta' governanza interna jista' jkollha effetti potenzjalment detrimentali fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif jixhdu l-premessi 53 u 54 tad-Direttiva 2013/36, u l-premessi 113 u 114 tar-Regolament Nru 575/2013. Għalhekk, li tissewwa sistema ta' governanza pre-eżistenti kien l-għan li d-Direttiva 2013/36 u r-Regolament Nru 575/2013 riedu li jintlaħaq.

68. Isegwi li d-definizzjoni tal-kliem "istituzzjoni finanzjarja" stabbilita fl-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36 u l-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 għandha tkun konsistenti ma' dak l-għan u tieħu inkunsiderazzjoni din il-loġika. B'mod partikolari, ir-rwol tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 għandu jinftiehem fis-sens li jindika liema entitajiet jeħtieġu sistemi ta' governanza interni iktar stretti, u liema entitajiet huma ta' theddida għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Id-definizzjoni tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja" għandha għalhekk tkun kapaċi li tagħmel distinzjoni bejn, minn naħa, impriżi li jistgħu joħolqu din it-theddida u, min-naħa l-oħra, impriżi li ma jkollhomx tali impatt. B'dan il-mod, id-Direttiva 2013/36 u r-Regolament Nru 575/2013 jistgħu effettivament jintużaw mill-awtoritajiet rilevanti, u jistgħu jiksbu dan l-iskop li kienu intiżi għalih.

[25] L-Awtorità Bankarja Ewropea, Final Report on Guidelines on internal governance under Directive 2013/36/EU, (Rapport Finali dwar il-Linji Gwida fuq Governanza Interna skont id-Direttiva 2013/36/UE) EBA/GL/2021/05, 2 ta' Lulju 2021, p. 5.

[26] *Ibid.*

69. F'dan il-kuntest, intepretazzjoni tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja" li tinkludi l-kumpanniji holding kollha tidher kemm xejn maqtugħa mill-portata tad-definizzjoni li l-leġiżlatura tal-Unjoni kienet intiża li tkopri. Rekwiżiti ta' fondi proprji, rekwiżiti tal-likwidità u rekwiżiti li jikkonċernaw skoperturi kbar, kif deskritti fil-punti 47 sa 50 ta' dawn il-konklużjonijiet, huma kollha miżuri applikabbli għal istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom l-iskop li jiżguraw governanza interna tajba u prattiki ta' ġestjoni ta' riskju adegwati. Dan huwa għaliex dawn ir-rekwiżiti għandhom effett preventiv fuq impatt potenzjalment negattiv fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif ukoll fuq il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li jaġixxu ma' dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji. Madankollu, kumpanniji holding li jmexxu holdings li ma humiex ta' istituzzjoni ma jwettqux dan l-istess riskju. Isegwi li l-inklużjoni tagħhom fil-qasam tal-kliem "istituzzjoni finanzjarja" ma tgħinx fil-kisba tal-għan li jissewwa n-nuqqas ta' sistemi ta' governanza interni ta' impriżi li jpoġġu riskju fuq is-sigurtà finanzjarja u fuq l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

70. Fuq nota oħra, l-Anness I tad-Direttiva 2013/36 jelenka attivitajiet li, kif diġà indikajt, huma suġġetti għal rikonoxximent reċiproku. L-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 jipprevedi li impriża, li l-attività prinċipali tagħha hija li ssegwi attività waħda jew iktar minn dawk stabbiliti fil-punti 2 sa 12 u fil-punt 15 ta' dan l-anness, ser titqies istituzzjoni finanzjarja, sakemm tissodisfa r-rekwiżiti li jkun fadal li jinbtu mid-definizzjoni stabbilita f'dan l-artikolu. Għall-kuntest, eżempji ta' attivitajiet koperti jinkludu, *inter alia*, lokazzjoni finanzjarja, self, intermedjazzjoni fis-suq monetarju u l-ħruġ ta' flus elettroniċi.

71. Żewġ konklużjonijiet intermedjarji jistgħu jinsiltu minn kunsiderazzjoni ta' dawn l-attivitajiet. L-ewwel, il-lista ta' attivitajiet rispettivi, prevista fl-Anness I ta' din id-direttiva, hija wiesgħa. It-tieni, huma kjarament marbuta ħafna mas-settur bankarju jew finanzjarju. Nemmen li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jagħmel il-portata tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja" wiesgħa kemm jista' jkun possibbli, sabiex jiġu evitati *lacunae*, fejn xi impriżi jistgħu jippruvaw imexxu assi mill-portata tas-superviżjoni prudenzjali, minkejja li kjarament relatati mas-settur bankarju jew finanzjarju.

72. Huwa evidenti li kieku wieħed kellu japplika tali raġunament għal interpretazzjoni li tinkludi l-kumpanniji holding kollha fil-portata tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja", din tkun taqbel ma' waħda biss miż-żewġ konklużjonijiet indikati preċedentement. Filwaqt li l-portata ta' impriżi koperti tkun, fil-fatt, wiesgħa, tkun qiegħda, madankollu, tonqos milli turi rabta mas-settur bankarju jew finanzjarju. Għaldaqstant, nemmen li tnaqqis teleoloġiku huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat li tali interpretazzjoni ma twessax eċċessivament il-portata tad-definizzjoni tat-terminu "istituzzjoni finanzjarja".

73. Mill-analiżi mwettqa iktar 'il fuq, jirriżulta li ma jkunx xieraq li l-kumpanniji holding jitqiesu bħala dawk ikkonċernati fil-kawża prinċipali mill-"istituzzjonijiet finanzjarji" fil-kuntest tad-Direttiva 2013/36 u tar-Regolament Nru 575/2013. Għaldaqstant, din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 hija skont u ssostni l-analiżi indikata preċedentement fir-rigward tal-interpretazzjoni kuntestwali.

74. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, jidher li l-metodi kollha ta' interpretazzjoni jwasslu għal qari ristrett tal-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013. Għal din ir-raġuni, nikkonkludi li l-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36 u l-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament Nru 575/2013 għandhom jiġu interpretati fis-sens li kumpannija holding li għandha bħala l-għan esklużiv tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra, u li s-sussidjarji jew holdings tagħha ma jwettqux attivitajiet fis-settur bankarju jew finanzjarju ma tistax titqies bħala istituzzjoni finanzjarja fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

V. Konklużjoni

75. Fuq il-bażi tal-analiżi stabbilita iktar ’il fuq, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa) (it-Tribunal tal-Arbitraġġ Fiskali (Ċentru għal Arbitraġġ Amministrattiv), il-Portugall), u s-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall) kif ġej:

L-Artikolu 3(1)(22) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta’ kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, u l-Artikolu 4(1)(26) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

għandhom jiġu interpretati fis-sens li kumpannija holding li għandha bħala l-għan esklużiv tagħha l-ġestjoni ta’ azzjonijiet ta’ kumpanniji oħra, u li s-sussidjarji jew holdings tagħha ma jwettqux attivitajiet bankarji jew finanzjarji, ma tistax titqies bħala istituzzjoni finanzjarja fis-sens ta’ dawn id-dispożizzjonijiet fil-verżjoni applikabbli tal-fatti tal-kawżi prinċipali.